# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. – PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar It-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2002.**

**Numru 13**

**Avviz numru 1066/92 JP**

**Anthony Savona ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Fogg Limited u dina in rappresentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance p.l.c. u dawn kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom ir-Reverendu Joseph Inguanez sia bil-polza u sia bil-ligi.**

**vs**

**Publius Said bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Publius (Leo) Said and Sons Limited.**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Marzu 2000 ppronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi :-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur nomine fit-2 ta' Settembru 1992 fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine in linea ta' danni s-somma ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250), ammont minnu sborzat favur l-assikurat tieghu ir-Reverendu Joseph Inguanez in segwitu ghall-incident li gara fil-5 ta' Dicembru 1991 fl-Universita' tal-Qroqq, liema incident il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni H-2299 u assigurata mal-attur nomine b'polza tat-tip "comprehensive" u li kienet ipparkeggjata fl-Universita' tal-Qroqq giet milquta mit-tinda imtella' mill-konvenut nomine u proprjeta' tieghu, u ghal liema incident kien responsabbli unikament il-konvenut nomine,prevja jekk hemm bzonn dikjarazzjoni li ghal dan l-incident kien jaghti unikament l-istess konvenut nomine.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji fl-1 ta' Dicembru 1991 u tat-28 ta' Jannar 1992, u bl-ingunzjoni tal-konvenut nomine ghas-subizzjoni u bl-imghax legali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-6 ta' Ottubru 1992 fejn ecepixxa illi l-eccipjenti mhumiex responsabbli ghall-hlas ta' Lm250 li l-attur nomine qieghed jghid li zborza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat :-

Illi skond ix-xhieda tal-attur nomine jirrizulta illi Rev. Inguanez kien ghamel claim maghhom dwar danni subiti fuq il-karozza tieghu waqt li din kienet ipparkjata fl-Universita' l-karozza. Din il-karozza kellha polza ta' comprehensive insurance mas-socjeta' attrici.

Rev. Inguanez kien garrab Lm250 hsara fuq il-karozza tieghu li kienet ipparkjata taht it-tinda l-Universita' liema tinda kienet imqieghda minn u kienet proprjeta' tal-konvenut nomine.
L-ammont ta' hsara gie korroborat b'diversi ricevuti Dok G1, 2, 3, 4 (ara fol 8 sa 15) u l-attur nomine gie surrogat skond il-ligi kif jidher minn Dok G7 (fol 11).

Skond Rev. Inguanez (ara fol 22 et seq) dan xehed illi bhas-soltu fil-gurnata tal-incident huwa kien ipparkja il-car tieghu H2299 fl-Universita' ghax jahdem hemm.

Illi l-parking area tas-soltu kienet kwazi kollha mghottija b'tinda kbira u li l-parking area kienet kwazi mimlija b'karozzi pparkjati.

Sussegwentement gew xi persuni jinfurmaw lil Rev. Inguanez, illi kienu waqghu xi zewg poles tat-tinda, laqtu l-car tieghu u li kellu l-car danneggjata.

Illi meta mar fuq il-post tal-incident Rev. Inguanez sab il-karozza tieghu bil-hsara, biz-zewg poles tat-tinda vicin hafna tal-karozza tieghu. Jghid ukoll illi apparti l-hsarat il-car kienet imcappsa biz-zebgha tal-polers.

Illi ghalhekk Rev. Inguanez ma caqlaqx il-car tieghu qabel ma gew il-Pulizija.

Rev. Inguanez xehed illi huwa hallas ammont f'excess u li dan kien ta' Lm50.

Wara diversi tentattivi u mandati PS 428 Patrick Galea (ara fol 90). Xehed illi kien mar PC 797 Ellul fuq il-post u li fl-okkorrenza kien nizzel dak li qallu u li jista' jkun illi hawn (PS 428) seta' kellem personalment lil xi wiehed mill-partijiet.

Il-Qorti rat in-nota ta' PS 428 tat-23 ta' Mejju 1996.

Illi l-okkorenza u police report jikkorroboraw it-tezi attrici.

Il-konvenut min-naha tieghu xehed illi huwa kien kera t-tinda lir-Rettur tal-Universita' Rev. Serracino Inglott ghal "graduation ceremony". Illi din it-tinda kien remaghhielhom u kella tibqa' armata ghal hdax-il gurnata. Il-prezz ghal kiri tat-tinda kienet ta' Lm1000.

Il-konvenut spjegat kif giet armata u li kellha tletin pilastru b'pied u tlett kwarti bejn xulxin mal-periferija taghha. Ma' kull pilastru jkun hemm il-hbula msallbin – u dan jerga' jcekken l-ispazju bejn l-arbli. Kien ghalhekk illi l-konvenut nomine insista illi ma setax jifhem kif irnexxielhom jipparkjaw karozzi.

Illi fil-kontro-ezami l-konvenut nomine jinnega illi l-entratura principali kienet aktar wiesgha mill-qisien li ta.

Anzi jghid illi matul dawn il-hdax-il gurnata li kienet mikrija t-tinda huwa kien imur jaghmel inspections, gieli anki bil-lejl sabiex jiccekkja li kollox kien sew u qatt ma sab arbli jew hbula out of order (ara xhieda fol 36 – 40) u pero' malli kien hemm hbullla mhux issikkati hu kien jissikkahom.

Xehed illi qatt ma ra karozzi pparkjati meta ghamel inspection pero' darba sab imwejjed imqieghda kollha taht it-tinda u meta talab spjegazzjoni ta' kif dahlu l-imwejjed, Spiteri qallu li kienu nehhew l-arbli fejn il-konvenut nomine zammu responsabbli.

Illi fix-xhieda tal-konvenut nomine tas-16 ta' Marzu 1998 dan jghid illi bejn l-arbli kien hemm 2 metri 'l boghod u li t-tinda ma kienitx mikrija biex jipparkjaw il-karozzi tahtha.  Illi avolja l-konvenut jghid illi "Understood li ma jidhlux karozzi", fuq mistoqsija tal-Qorti jammetti illi ma kien hemm ebda kondizjoni li saret bil-miktub ghall-uzu tat-tinda li sar bil-miktub mill-konvenut nomine meta inkriet it-tinda.

Jghid illi jekk ghamel ir-rih u dan ikkawza xi hsara jaghti r-rih (ara xhieda a fol 101).  Il-konvenut nomine assuma wkoll illi biex dahlu l-karozzi kellhom jigu zarmati l-poles.

Ghalkemm il-konvenut jghid illi l-Universita' kienu hallsu somma konsiderevoli ghal dik il-hsara fuq it-tinda esebixxa fil-fatt ic-cekk tal-kiri tat-tinda (ara Dok PS1 u PS2 a fol 98 u 98A).  Ta' min jinnota wkoll illi dan ic-cheque juri illi l-prezz tal-kirja tat-tinda ma kienitx Lm1000 kif intqal qabel izda Lm640.

Illi mix-xhieda ta' Joseph Saliba tat-18 ta' Jannar 2000 l-ufficjal inkarigat mill-maintenance tal-Universita' jirrizulta illi kien il-konvenut b'haddiema tal-Universita' li rama t-tinda in kwistjoni liema tinda kienet intiza ghal graduation.

Fuq mistoqsija specifika Saliba jinenga illi l-konvenut kien tah xi struzzjoni li hadd ma kellu jipparkja taht it-tinda.  Lanqas ma halla l-konvenut xi tabelli ta' no parking jew ta' struzzjoniji li jhalli xi no parking sign.  Saliba jistqarr illi hu kien prezenti fil-laqgha bejn ir-Rettur u l-konvenut meta kienu qed isiru n-negozjati fuq it-tinda pero' Saliba xehed illi ma jafx li kien sar ftehim bil-miktub.  Saliba stqarr illi gie avvicinat mill-attur rigwardanti l-hsarat fil-karozza tieghu.  Saliba stqarr ukoll illi ma kien hemm hadd da parti tal-Universita' li kien qed "jindokra" t-tinda.

Saliba jammetta illi kien responsabbli ghall-attivitajiet li saru taht it-tinda waqt il-graduation.

Saliba sostna illi t-tinda kienet damet aktar minn gimgha wara li saret il-graduation avolja l-Universita' kienet krietha biss ghal gurnata tal-graduation u giet mikrija biss ghal dan l-skop.

Saliba xehed illi ma hasibx illi l-Universita' kienet infurmat lill-konvenut ghal xi hsarat fit-tinda pero' ma setax jeskludi dan.

Ikkunsidrat :-

Illi mix-xhieda prodotta huwa evidenti u fil-fatt inkontestat illi kienu l-arbli tat-tinda tal-konvenut nomine illi ghamlu hsara lil karozza H2299 assikurata mill-attur nomine.

Illi stabbilit n-ness bejn il-hsarat tac-car u l-arbli tat-tinda tal-konvenut din il-Qorti imbaghad trid tghaddi ghal ezami, trattat fit-tul fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-partijiet, dwar ir-responsabbilita' o meno tal-konvenut, il-mument fejn jghaddi r-riskju tal-oggett mikri, u l-kwistjoni ta' contributory negligence o meno da parti tal-konvenut.

Illi l-konvenut fin-nota tieghu ghamel ezami estensiv ta' l-artikoli tal-ligi li jidhirlu li jinkwadraw u ghandu japplika ghal kaz.

Infatti interpreta l-Art 1525, 1526, 1029, 1532, 1539, 1031 u 1032.

Illi wara li ezaminat bir-reqqa din it-tezi tal-konvenut, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi l-opinjonijiet sollevati kienu se mai japplikaw kieku dak li gara, gara f'jum il-gradwazzjoni meta effettivament u ghal kull skop fil-ligi, t-tinda kienet ghadha mikrija lill-konvenut.

Pero' dan mhuwiex minnu. L-incident li ta lok ghall-hsarat ilmentati mill-attur sehhew fil-5 ta' Dicembru 1991 'il fuq minn gimgha wara l-graduation.

Illi jekk ghal xi raguni maghrufa biss lill-konvenut dan naqas li jibda jzarma t-tinda u sehh il-hsarat a kawza ta' l-arbli tal-istess tinda esposti ghall-elementi, zgur illi r-responsabbilita' tal-hsarat hija tal-konvenut ghaliex il-kirja intemmet mal-gurnata tal-graduation.

Illi minkejja li l-attur jghid illi l-kirja tat-tinda kienet ghal hdax-il gurnata din mhijiex ipprovata mill-attur minn ebda dokument u lanqas ma tirrizulta minn Dok PS1 fol 98. In oltre Saliba l-uniku xhud indipendenti f'din il-kawza, sostna li t-tinda giet mikrija ghal gurnata tal-gradwazzjoni biss. Isegwi ergo illi kif spiccat il-kirja u

cioe' kif spiccat il-gradwazzjoni, ir-riskju fuq l-oggetti tal-kirja u cioe' t-tinda in kwistjoni, ghaddiet f'idejn l-attur.

Ghal rigward ta' kwistjoni ta' contributory negligence – din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi ma jidhirlix illi hemm xi xrara ta' evidenza biex tissostanza din il-materja.

Din qieghed jinghad 'il ghaliex ghalkemm il-konvenut jghid illi "understood" li ma jipparkjawx taht it-tinda, Saliba li kien prezenti ghan-negozjati u li ma ghandu ebda interess la ta' parti u lanqas ta' ohra, merieh bl-aktar mod kategoriku.

Inoltre l-apice ta' inverosimiljanza ta' dak illi jsostni l-konvenut hija rapprezentata mill-fatt illi l-konvenut fis-seduta tat-3 ta' Gunju 1993 (ara fol 37 u 38) jipprova jipperswadi lill-Qorti kemm kien deligenti u kemm il-darba kien iqum anke matul il-lejl biex jispezzjona t-tinda u jassikura illi kollox kien sew, fix-xhieda tieghu, pero', a fol 100, jiddikjara illi kien ikun id-dar "jigifieri qatt ma nkun hdejn it-tinda minn meta krejt din it-tinda". Inkonsistenza ikbar minn din il-Qorti ghad trid tara.

Illi ghalhekk jidher kieku veru l-attur kien imur jindokra t-tinda ta' spiss kien javza lill-Awtoritajiet tal-Universita' bl-uzu "hazin" tat-tinda.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm250 rapprezentanti ammont sborzat lill-assikurat Rev. J. Inguanez in segwitu tal-incident li sehh fil-5 ta' Dicembru 1991 fl-Universita' tal-Qroqq skond l-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Is-socjeta' konvenuta appellat minn din is-sentenza. Ir-rikors tal-appell huwa elaborat hafna u jidhol fid-dettal tal-operazzjoni ghall-armar u z-zarmar tat-tinda li giet uzata ghall-gradwazzjoni u janalizza artikolu artikolu mill-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirregolaw il-kuntratt tal-kiri ta' haga. Is-socjeta' attrici tinsisti illi r-relazzjoni bejnha u bejn l-

Universita' kellha tigi gvernata minn dan l-istitut ; li t-tinda ma kienitx mikrija ghall-jum biss tal-gradwazzjoni imma kienet mikrija ghaz-zmien kollu li kien mehtieg biex it-tinda tigi armata allura anke fil-gurnata meta gara l-incident mertu tal-kawza. Dan ifisser illi fiz-zmien in kwistjoni kienet l-Universita' illi kellha r-responsabbilita' ghall-harsien tas-sigurta' tat-tinda. Jfisser ukoll li meta l-Universita' ippermettiet parking taht it-tinda billi halliet li jinqalghu xi poles u hbula halli jkunu jistghu jidhlu l-karozzi tahtha – hija kienet naqset serjament mill-obbligu taghha li tuza t-tinda ghall-iskop li nkriet lilha u ghalhekk bl-ebda mod m'ghandha twiegeb is-socjeta' appellanti ghall-hsarat li garrab l-assikurat tas-socjeta' attrici. Anke li kieku ma kellhomx japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi tal-kera xorta l-Universita' ma kellha l-ebda dritt tnehhi dawn l-arbli biex ikunu jistghu jipparkjaw il-karozzi taht it-tinda. Minn imkien ma rrizulta illi l-Universita' kienet ghamlet hekk ghaliex is-socjeta' appellanti kienet damet ma zzarma t-tinda. Is-socjeta' appellanti ssostni illi l-incident certament ma setax ikun tort taghha billi hi ma kellha x'taqsam xejn mal-ipparkeggjar ta' karozzi taht it-tinda de quo.

Din il-Qorti segwiet l-aggravji diversi fir-rikors tal-appell b'interess pero' ssib li dawn, fil-kuntest ta' kif giet trattata l-kawza, m'ghandhom kwazi xejn rilevanza ghall-fini tar-responsabbilita' tas-socjeta' appellanti fil-konfront tad-danneggjat. L-aggravju tas-socjeta' appellanti hu infatti principalment dirett kontra allegati nuqqasijiet u nuqqas ta' uzu korrett tat-tinda da parti tal-Universita'. Hu allegat li din uzat it-tinda b'mod

hazin, b'nuqqas ta' diligenza dovuta ghal min kellu f'idejh oggett mikri lilu. Hu allegat li din abbuzat mill-uzu tat-tinda ghax ippermettiet li jipparkeggjaw karozzi tahtha. Allegat li biex hekk taghmel qalghet xi poles u hbula mit-tinda.

Konsidrat fuq kollox li l-Qorti kellha tiddentifika l-kawza prossima u mmedjata tal-incident, din il-Qorti ma tarax kif is-socjeta' appellanti naqset illi ggib il-prova konkluziva illi l-hsara kienet grat proprju minhabba li t-tinda ddghajfet meta allegatament inqalghu dawn l-arbli u hbula. Din l-allegazzjoni ma hi bl-ebda mod sostanzjata. Ma tirrizultax mill-provi u n-nuqqas taghha jdghajjef mortalment it-tezi tas-socjeta' appellanti anke fil-konfront tal-Universita'. Sorprendenti hafna wkoll il-fatt li l-Universita', additata mis-socjeta' appellanti bhala responsabbli ghall-akkadut, ma hix parti fil-kawza u ma giet qatt imsejha fiha mis-socjeta' appellanti biex tirrispondi ghall-akkuzi lejha diretti. F'din is-sitwazzjoni allura l-kawza tirrisolvi ruhha fil-kostatazzjoni semplici illi l-assigurat tas-socjeta' attrici kien vittma passiv tal-incident in kwantu kellu l-karozza pparkeggjata taht it-tinda. Setghu kienu nies jew oggetti ohra. L-incident kien xorta jigri ghax bl-ebda mod mhu allegat illi l-vettura danneggjata jew sidha b'xi mod ikkontribwew ghall-akkadut. Mill-banda l-ohra hemm il-kawza tal-hsara provokata mit-twaqqiegh tat-tinda kostruwita' mis-socjeta' konvenuta. Dan iffisser illi sakemm is-socjeta' konvenuta ma tipprovax xorta ohra, hi kellha necessarjament tigi akkollata bir-responsabbilita' ghall-akkadut. Dik il-prova alternattiva

kellha ssir fil-konfront tal-persuna, f'dan il-kaz l-Universita', li skond is-socjeta' appellanti kellha tigi ritenuta responsabbli in kwantu hi kellha mhux biss il-pussess tat-tinda imma wkoll l-amministrazzjoni taghha u dana f'kontestazzjoni gudizzjarja billi tigi kjamata in kawza.

Ghandu jigi sottolinejat illi anke jekk jigi accettat illi l-kuntratt kien wiehed ta' kiri u li dan kien jestendi ghaz-zmien meta gara l-incident, minn imkien ma tirrizulta l-prova illi l-kerrej, f'dan il-kaz l-Universita', kien skond il-ftehim assuma xi responsabbilita' ghall-manutenzjoni u sigurta' tat-tinda. Ghandu jinghad illi t-tinda kienet wahda ta' proporzjonijiet kbar li tirrikjedi sengha u hila specjalizzati kemm ghat-twaqqif taghha u kemm ghaz-zarmar taghha kif ukoll ghall-manutenzjoni kostanti taghha. Dan jinghad proprju b'riferenza ghall-aggravju supplimentari tas-socjeta' appellanti illi fl-ahhar mill-ahhar seta' dejjem jigi eccepit il-kaz frutuwitu fit-termini tal-artikoli 1031u 1032 tal-Kodici Civili. Anke hawn is-socjeta' appellanti kellha tiehu r-responsabbilita' tal-operat taghha ghaliex tinda ta' din ix-xorta kellha fuq kollox tkun assigurata proprju kontra l-eventwalita' ta' maltemp apparti l-fatt illi t-tinda tkun inkriet proprju biex tipprovdi kenn kontra l-interperji, eccezzjoni tal-"actus dei" tippresupponi prova ferm aktar konsistenti mis-semplici allegazzjoni illi fiz-zmien in kwistjoni kienu ghamlu jumejn maltemp sew.

Din il-Qorti ma teskludix illi din il-linja tad-difiza setghet tkun avvanzata b'success pero' jirrizulta anke hawn nieqsa l-prova mehtiega. Din il-Qorti tinnota wkoll illi s-socjeta' appellanti kienet konxja bir-responsabbilita' taghha illi taccerta ruhha mill-manutenzjoni kontinwa tat-tinda u mill-htiega ta' tali manutenzjoni. Il-konvenut infatti jaghmel enfasi qawwija fuq kemm kien diligenti u attent. Tant li anke kien ihoss il-htiega illi bil-lejl imur jara x'kienet il-kondizzjoni taghha. Dan probabbilment ghax kien konxju illi f'certu sitwazzjonijiet ta' maltemp u rih id-daqs tat-tinda seta' jikkostitwixxi perikolu. Il-Qorti tinnota wkoll illi t-tinda giet armata taht is-supervizjoni diretta tas-socjeta' konvenuta anke jekk gew utilizzati fix-xoghol haddiema tal-Universita'. Din il-Qorti ma hi bl-ebda mod sodisfatta illi anke fiz-zmien meta t-tinda kienet mikrija lill-Universita'- jekk din tista' tinghad li hi l-figura guridika tan-negozju bejniethom – l-istess Universita' kienet assumiet ir-responsabbilita' ghall-manutenzjoni u s-sigurta' taghha. Il-provi juru l-kontra u s-sens komun hekk jissuggerixxi. F'kull kaz pero' dawn kienu konsiderazzjonijiet illi bl-ebda mod ma kienu jirrigwardaw lill-assikurat tas-socjeta' attrici. Ghalkemm kienu jinteressaw lis-socjeta' appellanti jekk riedet issostni l-kaz taghha kontra l-Universita'. L-aggravju tas-socjeta' appellanti kif propost ma setax allura jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

mg